MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Numru 982/2002

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
LEWIS ATTARD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Lewis Attard ta’ 53 sena iben Jsoeph u Rosaria mitwielda farrugai imwieled Marsa fid-9 ta’ Dicembru 1948 u joqghod 62, Triq Patric Felicjan Bilocca, Marsa karta tal-identita numru 1052148M talli fis-26 ta’ Gunju 2002 u fis-snin ta’ qabel bhala d-detentur tal-fond nru 62, Triq Patri Felicjan Bilocca, Marsa jew bhala l-persuna illi kellu f’idejh l-imsemmi fond b’diversi atti amghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku li jammonta ghall-izjed minn Lm100 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni eneamlta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u aktar.

Talli ghamel hsara jew kisser parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi partu minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provsita tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-decizjoni taghha tat-26 ta' Marzu 2004.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi l-imputat kien ghamel ilment mal-Enemalta dwar il-meter tieghu, u talabhom hu stess jigu jiccekkjawh. Illi meta l-ufficcjali tal-Enemalta ghamlu din l-inspection, sabu illi l-cover tal-meter kien imxellef, u l-meter shih kien mizbugh.

Illi a fol 9 tal-konkluzjonijiet tal-espert Hugh Camilleri, l-istess espert wasal ghal konkluzjoni li "ma setax jeskludi li dan ir-reat seta' ma originax minn Lewis Attard", u dan minkejja l-fatt illi Lewis Attard kien ilu joqghod fil-fond in kwistjoni hmistax-il sena.

L-istess espert sab illi l-kontijiet suspettuzi stante illi kienu juru konsum tal-elettriku baxx. Fl-istess nifs pero', jghid ukoll illi Lewis Attard xehed illi hu kien juza l-post biss saghtejn kuljum. In oltre, a fol 16 tal-process verbal, l-espert Camilleri jghid illi ma sabx brix fejn id-diska tal-meter.

Illi din il-Qorti wara d-decizjoni taghha tat-26 ta' Marzu 2004, innominat l-espert Emanuel Vassallo, li huwa electrical engineer. Illi mir-relazzjoni tieghu, dokument EV a fol 55, u b'mod aktar relevanti fix-xhieda tieghu li

jirrizulta a fol 52 et seq, huwa mportanti li wiehed jinnota illi dan l-espert xehed illi l-meter in kwistjoni kien wiehed mill-eqdem li qatt ra (‘le dan antikissimu, dan huwa museum piece’). Illi dawn il-wires ta’ dan il-meter kienu mqaxxra u ‘discoloured’, bhala rizultat ta’ concentrated temperature fejn il-wires jishnu u jiddewbu. Hu ta r-ragunijiet ghaliex jigri hekk (ara fol 52).

Illi in oltre, l-istess espert xehed, illi ghal min jifhem fl-elettriku, kieku wiehed ried ibabas dan il-meter, certament la kien imiss il-cover u lanqas is-sigilli, u kien ibabsu biss mill-wires mikxufa li kellu. Infatti, in vista ta’ dan kollu, l-espert xehed illi l-hsarat illi nstabu fuq dan il-meter kienu kagunati “from the physical point of view, 99.9%, dan kien hemm ‘arching’ li kien ‘due’ ghal wire mdahhal minn hawnhekk”.

Illi apparti dan kollu, mhuwiex verosimili li l-imputat ser isejjah lill-ufficcjali tal-Enemalta biex jaghmlu ezami intensiv fuq il-meter tieghu, kemm-il darba kien hu illi babsu.

Ghalhekk in vista ta’ dan kollu, u in vista tax-xhieda tal-imputat Lewis Attard, li stqarr li huwa juza din ir-residenza ghal xi saghtejn kuljum, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista’ ssib htija fl-imputat, fl-akkuzi migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant qed tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------